**Emenda 293**
**Marco Affronte**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS li jsir sajd f'livelli ta' rendiment sostenibbli massimu, li jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa u li jiġi eliminat l-iskartar, u jikkontribwixxu biex jinkiseb status ambjentali tajjeb (GES) kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. | (7) Il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS sabiex terġa tiġi stabbilita l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa u jiġi eliminat l-iskartar, u jikkontribwixxu biex jinkiseb status ambjentali tajjeb (GES) kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18]. |
| [18] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (ĠU L 164, 25.6.2008, p.19). | [18] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (ĠU L 164, 25.6.2008, p.19). |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 294**
**Marco Affronte**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da) jiżguraw li l-kundizzjonijiet, deskritti fid-Deskritturi 1, 3, 4 u 6, stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE, jiġu ssodisfati.*** |

Or. en

11.1.2018 A8-0381/295

**Emenda 295**
**Marco Affronte**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***jiżguraw li l-qabdiet*** ta' speċi tal-baħar iżgħar mill-qisien minimi ta' referenza għall-konservazzjoni ***ma jaqbżux il-5% tal-volum skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.*** | (a) ***il-punt sa fejn il-qabdiet*** ta' speċi tal-baħar iżgħar mill-qisien minimi ta' referenza għall-konservazzjoni ***jitnaqqsu progressivament għal livelli ta' 50% taħt il-livelli attwali għas-sajd ewlieni, kif stabbiliti mill-proċedura fil-paragrafu 1a, fi żmien ħames snin mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Marco Affronte**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, dan l-Artikolu għandu japplika għall-ilmijiet internazzjonali u għall-ilmijiet tal-pajjiżi terzi.*** |

Or. en

**Emenda 297**
**Marco Affronte**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-Istati Membri ma jibagħtux rakkomandazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda jew tistabbilixxi daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni mniżżla fil-Parti A tal-Annessi V sa X meta dan ikun neċessarju għall-protezzjoni ta' speċijiet tal-baħar li għadhom qed jikbru.*** |

Or. en

**Emenda 298**
**Marco Affronte**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Report** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-Istati Membri ma jibagħtux rakkomandazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex ikun permess l-użu ta' miżuri ta' konservazzjoni tan-natura elenkati hawn fuq biex jiġu protetti speċijiet u ħabitats sensittivi.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità